



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (It-Tieni Awla) tat-13 ta' Jannar 2015 — Istituto di viġilanza dell'urbe vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-579/13)

“Rikors għal annullament u għad-danni — Kuntratti pubbliċi għal servizzi — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Provvista ta' servizzi ta' sigurtà u ta' akkoljenza — Ċaħda tal-offerta ta' offerent — Għoti tal-kuntratt lil offerent ieħor — Rikors parzjalment manifestament inammissibbli u parzjalment manifestament infondat fid-dritt”

1. *Rikors għal annullament — Ġurisdizzjoni tal-qorti tal-Unjoni — Talbiet intiżi li tinkiseb sentenza dikjaratorja — Inammissibbiltà (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 20-23)*
2. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tat-tilwima — Espożizzjoni sommarja tal-motivi invokati — Formulazzjoni mhux ekwivoka tat-talbiet tar-rikorrent (Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(ċ) u (d))(ara l-punti 26-29, 35, 36)*
3. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Atti intiżi li joħolqu effetti ġuridiċi — Kunċett — Kundizzjonijiet (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punti 30-32)*
4. *Kuntratti pubbliċi tal-Unjoni Ewropea — Konklużjoni ta' kuntratt wara sejħa għal offerti — Setgħa diskrezzjonali tal-istituzzjonijiet — Stħarriġ ġudizzjarju — Limiti (ara l-punti 42-45, 53)*
5. *Responsabbiltà mhux kuntrattwali — Kundizzjonijiet — Illegalità — Dannu — Rabta kawżali — Kundizzjonijiet kumulattivi — Assenza ta' waħda mill-kundizzjonijiet — Ċaħda tar-rikors għad-danni kollu kemm hu (It-tieniu Artikolu 340 TFUE) (ara l-punti 75, 76)*

Suġġett

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad l-offerta magħmula mir-rikorrent fil-kuntest ta' avviż ta' kuntratt ippubblikat fis-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (2013/S 101 172120) u li tagħti l-lott Nru 1 dwar il-provvista ta' servizzi ta' sigurtà u ta' akkoljenza lil offerent ieħor, kif ukoll kull att preċedenti, konness jew sussegwenti, inkluż il-kuntratt konkluż mal-offerent magħżul, u, min-naħa l-oħra, talba għal kumpens għad-dannu subit minħabba l-għoti tal-kuntratt lill-offerent magħżul.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) L-Istituto di viġilanza dell'urbe SpA għandu jbat, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea, inkluż dawk li jirrigwardaw il-proċedura għal miżuri provviżorji, skont it-talbiet ta' din tal-aħħar.